MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 1149/1994/3

**Charles Attard, socju fis-socjeta` en nom collectif Attard Brothers u b'digriet tad-19 ta' Mejju 1995 Charles Attard ghan-nom tas-socjeta` Attard Brothers gie awtorizzat jintervjeni "in statu et terminis"**

**v.**

**Maurice Attard**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni pprestat mill-attur fil-11 ta' Awwissu, 1994, li jaqra hekk:

“Peress illi l-konvenut ghal hafna snin sal-24 ta’ Mejju 1993 kien impjegat mas-socjeta` en nom collectif Attard Brothers sidien tal-Marbelt Department Stores, ta’ Cross Road, Marsa li taghha l-attur huwa wiehed miz-zewg socji b’ sehem indaqs.

“Peress illi matul l-impjieg tieghu mas-socejta` Attard Brothers il-konvenut agixxa b’mod irresponsabbli, kif specifikat aktar fid-dikjarazzjoni attrici, u b’hekk ikkaguna dannu lis-socjeta` imsemmija u ghalhekk lill-attur bhala socjeta` fiha;

“Peress illi matul l-istess impjieg il-konvenut zvolga attivita` in konkorrenza mas-socjeta` u ghamel dan anke waqt il-hin li huwa kien obbligat jiddedika ghax-xoghol tas-socjeta` u approprja ruhu indebitament minn facilitajiet u mezzi tas-socjeta` msemmija, kif aktar imfisser fl-annessa dikjarazzjoni, u dan kollu ghad-dannu tas-socjeta` u ghalhekk ghad-dannu tal-attur;

“Peress illi kemm waqt li kien ghadu fl-impjieg tas-socjeta` kif ukoll wara meta waqqaf kumpanija, Sonlit Ltd., b’konkorrenza diretta ghas-socjeta` msemmija, il-konvenut mexa b’mod zleali mas-socjeta` billi immanuvra halli jisraq ghalih id-ditti li kienu jahdmu mas-socjeta`, il-klijenti taghhom, u anke xi impjegati mportanti tas-socejta`, u billi xandar notizji hziena dwarha, bhal li s-socjeta` ma kinetx ser tkompli topera fl-oqsma tas-*sounds*, *vision disco*, u *entertainment technology*, u li dik l-attivita` kummercjali kienet ser tghaddi taht il-kumpanija Sonlit Limited tal-konvenut, kif aktar spjegat fid-dikajarazzjoni tal-attur u b’hekk il-konvenut arreka danni lis-socjeta` imsemmija u ghalhekk arreka danni lill-attur.

“Peress illi l-konvenut b’mezzi attigwi ostakola lis-socjeta` msemmija u l-Marbelt milli jkomplu jaghtu s-servizzi taghhom lill-klijenti taghhom u intrometta ruhu halli jkun huwa li jaghti dawk is-servizzi taht l-isem tal-kumpanija tieghu Sonlit Ltd., kif aktar imfisser fid-dikjarazzjoni tal-atturi, u b’ hekk ikkaguna danni lis-socjeta` imsemmija u ghalhekk lill-attur.

“Peress illi l-konvenut approprija ghalih u ghall-kumpanija tieghu minn dokumenti tal-kummerc kif ukoll minn appart u oggetti ohra proprjeta` ta’ Attard Brothers, u ghalkemm mitlub, baqa’ ma kkonsenjahomx lil din is-socjeta`, u b’hekk ikkaguna dannu lilha u ghalhekk lill-attur;

“Tghid il-konvenut ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex (a) tiddikjara li l-konvenut, ghar-ragunjiet premessi, huwa responsabbli ghad-danni kollha li arreka lis-socjeta`, (b) tillikwida d-danni tal-kummerc hekk ikkaguni lill-attur u (c) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur id-danni hekk likwidati, bl-imghaxijiet:

“Bl-ispejjez, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi
“1. Preliminarjament id-dannu soffert gie soffert *se mai*, mis-socjeta` Attard Bros u mhux mill-attur personalment ghaldaqstant il-konvenut ghandu jigi liberat mid-domandi.

“2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi l-konvenut ma kkawzax id-danni allegatament sofferti.

“Salv eccezzjonijiet ohra.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta’ Marzu, 2009, li in forza taghha laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u lliberat lill-istess mill-osservanza tal-gudizzju, u b’hekk tichad it-talbiet attrici; bl-ispejjez kontra l-attur;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:-
“Illi din hija kawza fejn l-attur Charles Attard qed jallega li l-agir tal-konvenut bhala impjegat tas-socjeta’ en nom collectif Attard Brothers irreka danni lill istess socjeta’ u ghaliex l-attur huwa socju fl-istess socjeta’ allura jikkontendi li gew ikkawzati danni lilhu personalment. Jinghad li s-socju l-iehor tal-istess socjeta’ huwa John Attard, missier il-konvenut.

"Illi l-ewwel eccezzjoni hija fis-sens li l-attur personalment ma' ghandu l-ebda locus standi ghaliex se mai tali allegati danni setghu biss jigu kkawzati lis-socjeta' msemmija, li ghandha personalita' guridika distinta minn dik tas-socji taghha u ghalhekk l-azzjoni kienet tispetta lill-istess socjeta' u mhux lill-attur fil-kapacita' tieghu personali.

"Illi ma hemm l-ebda dubju li kull azzjonisti jew socju f'socjeta' li ghandha personalita' legali distinta minn dik tal-membri taghha, ghandu drittijiet u obbligi personali li jispettaw lilu bhala azzjonista li huma pero' distinti mid-drittijiet u obbligi spettanti tal-istess socjeta' **("Cecil Pace proprio et nomine vs Emanuel Bonello"** – A. C. 31 ta' Lulju 1996). F'dan il-kaz ma jirrizultax li l-azzjoni attrici tista' tigi accettata la taht il-kappa ta' azzjoni personali u lanqas taht il-kappa ta' *derivative action* u dan ghaliex l-azzjoni kellha tigi ezercitata  mill-istess socjeta' en nom collectif  u ma jidhirx li qabel din il-kawza l-attur ha xi rimedji ohra qabel ma ppropona din il-kawza f'ismu **("Edgar Bonnici Cachia nomine vs Oliver Agius"** – A. K. – 6 ta' Novembru 1991) u **"Charles Attard et nomine vs Charmaine Vella et"**  - P.A. (NC) – 31 ta' Mejju 2007).

"Illi fil-fatt kif osservat fis-sentenza **"Anthony Bugeja vs Carmelo Agius et"** (A.C. – 4 ta' Ottubru 1991) *"kwistjonijiet ta' responsabilita' huma distinti mill-elementi l-ohra tal-personalita' guridika u tar-rappresentanza, u meta dik id-distinzjoni ma tinzammx il-konsegwenti konfuzjoni ggib maghha wkoll konfuzjoni fis-soluzzjonijiet guridici".* Dan huwa iktar relevanti meta fil-kaz ta' socjeta' en nom collectif fejn is-socji huma responsabbli fi grad illimitat ghad-djun u passivita' tas-socjeta, izda din ir-responsabilita' mhijiex wahda solidali mal-istess socjeta u tapplika biss fejn l-assi tas-socjeta' ma jirrizultawx li huma bizzejjed sabiex jaghmlu tajjeb ghad-dejn taghha; izda dan bl-ebda mod ma jfisser li s-socji u l-istess socjeta' huma haga wahda, anzi jikkonfermaw li s-socjeta' ghandha personalita' guridika distinta mill-istess socji **("Michael J. Falla vs John H. Sorotos").**

"Illi mela allura tali azzjoni odjerna kienet tispetta lis-socjeta' u mhux lis-socju fil-kwalita' tieghu personali u l-fatt li huwa intervjena fil-kawza ghan-nom tal-istess socjeta' ma jbiddel xejn minn dan kollu fuq kollox ghaliex l-intervenut fil-kawza ma huwiex parti fil-kawza – u dan apparti li jidher li l-partecipazzjoni tal-attur fil-kawza ghan-nom tal-istess socjeta' ma jirrizultax li sar b'xi rizoluzzjoni tal-istess socjeta', anzi sar fuq inizjattiva unilaterali tieghu. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni qed tigi milqugha."

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha thassarha u tannullaha u dan billi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut appellat u tibghat lura l-atti lill-ewwel Qorti sabiex jigi deciz u determinat il-meritu, bl-ispejjez skont il-ligi.

Rat ir-risposta tal-konvenut li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi talab li l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra l-istess appellanti;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Fl-ewwel lok, din il-Qorti qed taghmilha cara li hi mhix se tikkonsidra l-varji dokumenti li gew esebiti mill-partijiet mar-rikors u r-risposta tal-appell taghhom. Saret drawwa dan l-ahhar li wara li l-partijiet jittraskuraw il-kaz taghhom "*in the trial stage*", jippruvaw jirrangaw l-affarijiet bi produzzjoni ta' affidavits u/jew dokumenti fi stadju tal-appell. Dan ma ghandux jithalla li jsir. Fil-kawza **Attard v. Malta International Airport Plc**, din il-Qorti tat provvediment fl-14 ta' Novembru, 2011, fejn ghamlet dawn l-osservazzjonijiet:

"**5.** Qabel xejn ghandu jigi precizat li l-Artikolu 150 tal-Kap. 12 ma jobbligax lill-Qorti tilqa' kwalunkwe talba ghall-produzzjoni ta' xi dokument kull meta tirrikorri xi wahda mic-cirkostanzi elenkati fis-subartikolu (1) tal-istess artikolu. Dak li jipprovdi l-istess artikolu hu li l-Qorti tista' tilqa' talba ghall-produzzjoni ta' dokument fl-istadju previst

f’dak l-artikolu biss jekk tkun tezisti xi wahda mic-cirkostanzi hemm elenkati. Jghodd f’dan ghal dan il-kaz ukoll dak li rriteniet din il-Qorti fil-provvediment taghha tal-24 ta’ Gunju, 2011 fil-kawza fl-ismijiet **Josef Farrugia v Christopher Carabott et.** b’riferenza ghall-Artikolu 145 tal-Kap. 12 liema artikolu fl-apparenza tieghu jidher li hu aktar liberali mill-Artikolu 150. F’dak il-provvediment din il-Qorti ghamlitha cara li fir-rigward ta’ talbiet ghal produzzjoni ta’ dokumenti f’dan l-istadju din il-Qorti ma ghandhiex, bhala regola, tqis provi illi ma ngiebux quddiem qorti tal-ewwel grad. Anki meta d-dokument seta jingieb biss f’dan l-istadju ghaliex, bhal fil-kaz odjern, gie redatt wara s-sentenza appellata din il-Qorti trid tkun konvinta, bhal fil-kaz ta’ kull produzzjoni ta’ kull prova quddiemha, mir-relevanza tad-dokument li l-produzzjoni tieghu tkun qed tintalab.”

Dan kollu jghodd ghal din il-kawza wkoll, u lil din il-Qorti ma saritilha ebda gustifikazzjoni ghala ghandha taccetta dawk id-dokumenti f’dan l-istadju.

Din il-Qorti trid tirrileva wkoll li r-rikors tal-appell gie intestat hazin. Ir-rikors qed jinghad li qed isir minn “Charles Attard bhala socju fis-socjeta` en nom collectif Attard Brothers u ghan-nom tas-socjeta` Attard Brothers.” (sottolinear ta’ din il-Qorti). Din l-ahhar parti hija zbaljata ghax il-kawza qatt ma saret mis-socjeta` Attard Brothers. Din is-socjeta`, b’digriet tad-19 ta’ Mejju, 1995, giet awtorizzata tintervjeni fil-kawza in statu et terminus, pero`, il-kawza saret biss minn Charles Attard.

Dwar il-meritu tal-kaz, jirrizulta li l-attur kien qed jilmenta mill-fatt li l-konvenut kien qed jostakola lis-socjeta` Attard Brothers milli tkompli taghti servizz xieraq lill-klijenti taghha, u intrometta ruhu halli jkun huwa li jaghti dawk is-servizzi taht l-isem tal-kumpanija tieghu, Sonlit Ltd. L-attur talab li l-konvenut jigi dikjarat responsabbli ghad-danni. Il-konvenut eccepixxa illi l-azzjoni hija improponibbli minn Charles Attard, u kellha ssir mis-socjeta` innifisha, l-allegata vitma tal-agir zleali tieghu.

L-ewwel Qorti laqghet din l-eccezzjoni, u cahdet it-talba attrici.

L-attur appella mis-sentenza u stqarr li hu wahdu kellu interess li jfittex li jikseb gudikat dwar dak dovut lis-socjeta`, stante li dak li mhux ha jigbor hu stess minghand id-debituri tas-socjeta`, ha jkun finalment potenzjalment responsabbli ghalih huwa stess bhala socju.

Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument. Avolja s-socjeta` hija wahda en nom collectif, fejn kull socju ghandu responsabbilita` illimitata ghad-djun tal-istess socjeta`, dik is-socjeta` ghandha personalita` legali distinta minn dik tal-membri taghha, u bhala tali, jekk jigi allegat li din sofriet xi hsara ghall-interessi taghha, ghandha tipprovdi hi biex tissalvagwardja l-istess. Ma giex muri li din is-socjeta` ma kenitx f'posizzjoni tagixxi ghad-danni li allegatament sofriet, u kien jispetta lilha allura li tmexxi l-azzjoni.

Kaz simili, fejn l-attur kien l-istess persuna, giet deciza minn din il-Qorti fis-27 ta' Novembru, 2009; il-kaz kien **Attard v. Vella et**, u din il-Qorti kienet ghamlet dawn il-kummenti:

*"F'dan l-appell, l-attur qed jikkontendi li fejn si tratta ta' socjeta` en nom collectif, fejn is-socji huma responsabbili personalment in subsidium ghas-socjeta` b'mod illimitat, kull socju ghandu l-interess ekonomiku u legali li jipprotegi lilu nnifsu b'beneficcju indirett ghas-socjeta` mill-hsara li titwettaq minn terzi lill-patrimonju tal-istess socjeta`.*

*"Issa, kif inhu risaput, trid tinzamm dejjem distinzjoni bejn l-assi tas-socjeta` u dawk tas-socji. Il-fatt li persuna tkun socju f'socjeta` kummercjali ma jaghtihiex dritt ta' proprjeta` fl-assi tal-istess socjeta`. Dik il-proprjeta` tibqa' tas-socjeta`, li ghandha personalita` guridika separata u distinta minn dik tas-socji u tista' tagixxi qua socjeta` f'azzjoni gudizzjarja.*

*"L-appellant qed jippretendi li hu seta' jagixxi b'azzjoni personali jew b'derivative action a bazi tal-Artikolu 402 taht l-Att Dwar il-Kumpaniji billi ghandu interess*

*ekonomiku x'jipprotegi stante li fl-ahhar minn l-ahhar hu jista' jinzamm responsabbili in subsidium ghalkemm mhux solidalment ghall-passiv tas-socjeta`. Skond l-appellant dan id-dritt ta' azzjoni jiskatta fil-kaz meta azzjonista jkun garrab telf distint minn dak soffert mis-socjeta`.*

*"Skond l-Att dwar il-Kumpaniji d-dritt ta' azzjoni li qed jinvoka l-appellant skond l-Artikolu 402 jinghata biss f'cirkostanzi eccezzjonali ghax imur kontra r-regola stabbilita. Imma fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-azzjoni a bazi tal-Artikolu 402 f'dan il-kaz mhiex miftuha ghal socju f'socjeta` en nom collectif bhal ma hija s-socjeta` Attard Brothers. Kif qalet din il-Qorti fis-sentenza* ***Magri v. Magri*** *tal-1 ta' Frar 2008 "ir-rimedji mitluba taht l-Artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpanija mhux applikabbli ghal kaz ta' socjeta` en nom collectif. Dak ir-rimedju hu moghti lil membri ta' "kumpanija", u skond l-Artikolu 2 tal-Att, il-kelma "kumpanija" tfisser kumpanija b'responsabbilita` limitata". F'dan il-kaz iz-zewg socji ghandhom 50-50 mis-socjeta` Attard Brothers u ma hemm ebda majority rule.*

*"Inoltre din il-Qorti tirrileva li anke kieku stess din l-azzjoni kienet tapplika, anke f'dak il-kaz l-azzjoni l-istess ma kienitx tkun miftuha ghall-attur billi hu mhux qed jagixxi kontra xi direttur iehor ghax gie unfairly prejudiced imma hu qed jaghmel biss azzjoni ghal danni <u>kontra terza persuna</u> li kienet semplicement impjegata fil-kumpanija, ghalkemm ghandu jinghad li hi tigi t-tifla tas-socju l-iehor. L-azzjoni taht l-Artikolu 402 tal-Kap. 168 tiskatta fil-kaz meta s-socju jkun qed jigi pregudikat mill-azzjoni minhabba l-agir ta' socju iehor u mhux minn impjegat tas-socjeta`.*

*"Illi ghalhekk huwa inutili wkoll li l-appellant ighid li skond l-statut (ara l-Artikolu 10) huwa kellu r-rapprezentanza tal-partnership billi fi kwalunkwe kaz l-azzjoni taht l-Artikolu 402 ma kienitx miftuha ghal socjeta` en nom collectif.*

*"Aggravju iehor tal-appellant hu li l-azzjoni giet sanata meta s-socjeta` Attard Brothers intervjeniet fil-kawza bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti. Issa, hu minnu li sar l-intervent mis-socjeta` Attard Brothers kif awtorizzat mill-Qorti, izda*

*dan sar bla pregudizzju ghall-provi li kellhom jingiebu fil-kors tal-kawza. Dan l-intervent sar fuq inizzjattiva tal-attur biss u ma jirrizultax li saret xi laqgha tas-socjeta` fejn giet approvata xi rizoluzzjoni biex l-attur jidher ghas-socjeta`. Imma anke kieku, bl-intervent tas-socjeta` msemmija din la saret attur u lanqas konvenut f'din il-kawza. L-aktar li seta' kellha kienet posizzjoni ta' parti interessata izda qatt ma setghat tkun wahda mill-kontendenti. Intervenut mhux parti fil-kawza u ghalhekk il-Qorti ma tiddeterminax drittijiet tieghu izda l-intervenut ikun qieghed jisma' l-kawza ta' haddiehor.*

*"Ghaldaqstant il-Qorti qeghdha tichad l-aggravji kollha tal-attur appellant billi hija tal-fehma li dawn huma nfondati fil-fatt u fid-dritt."*

Dan kollu japplika *mutatis mutandis* ghal dan il-kaz, u l-fatt li din il-kawza saret kontra direttur, ma jwassalx ghall-applikabbilita` tal-Art. 402, anke ghaliex, se mai, hija s-socjeta` li qed issofri pregudizzju u mhux l-attur.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-attur, billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mill-attur appellant, u peress li tqis dan l-appell bhala wiehed frivolu u vessatorju, qed tikkundanna lill-istess appellant ghall-hlas ta' doppio spese.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------